MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 454/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Briffa**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David Briffa talli:

(1) nhar-il 20 ta' Settembru 2010 ghall-habta ta' bejn is-1.00 p.m. u s-2.00 p.m., waqt li kien gewwa l-post maghruf bhala il-Mizieb, limiti tal-Mellieha, hebb kontra l-persuna ta' Axel Hirschfeld fil-kapacita` tieghu ta' *media officer* tal-ghaqda maghrufa bhala CABS sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

(2) fl-istess data, lok u hin, minghajr ma darab, sawwat lill-imsemmi Axel Hirschfeld fuq wiccu;

(3) qal kliem oxxen fil-pubbliku billi nsulta lill-istess persuna fuq imsemmija;

(4) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat, glied jew b'mod iehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-20 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 339(1)(d), 338(bb) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi David Briffa hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu *ammenda* ta' hamsin euro (€50) fuq kull imputazzjoni, ghalhekk b'kollox mitt euro (€100), izda ma sabitux hati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta' appell ta' David Briffa pprezentat fis-26 ta' Ottubru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu lliberatu mit-tieni u r-raba' imputazzjonijiet, tikkonfermaha ukoll in kwantu sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u kkundannatu multa [***recte:*** *ammenda*] ta' hamsin euro (€50) u tirrevoka s-sejbien ta' htija taht l-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-appellant ma setax jinstab hati ta' l-ewwel imputazzjoni peress illi l-agir ta' l-appellant f'dan il-kaz fil-konfront ta' Axel Hirschfeld jirravviza ruhu, jekk emnut il-parti leza, fl-artikolu 221(3) tal-Kodici Kriminali abbinat ma' l-artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali, filwaqt illi jekk emnut l-appellant jirravviza ruhu fl-artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Dan hu hekk, skond l-appellant, peress illi l-artikolu 339(1)(d) tal-Kodici

Kriminali jipprovdi li huwa hati ta' kontravvenzjoni kull min **"ihebb kontra persuna sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici"**. L-appellant isostni li din il-kontravvenzjoni ssehh fil-mument li l-aggressur jiehu dak l-ewwel pass kontra l-vittma tieghu sabiex b'hekk ikun vicin tieghu u jikkagunalu l-hsara ravvizata fl-imsemmi artikolu. Issa, kuntatt bejn l-appellant u Axel Hirschfeld sehh u l-kontestazzjoni bejn il-partijiet, jghid l-appellant, hija dwar kif sehh u ghalfejn sehh il-kuntatt.

L-ewwelnett din il-Qorti tirrimarka li filwaqt illi fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jghid li kien hemm kuntatt bejnu u Axel Hirschfeld, meta xehed quddiem din il-Qorti huwa cahad li mess lil Hirschfeld. Din il-Qorti rat id-dvd esebit li juri l-incident mertu tal-kaz u m'ghandha l-ebda dubju li kien hemm kuntatt bejn l-appellant u Hirschfeld billi hin minnhom id l-appellant tolqot wicc Hirschfeld fuq in-naha tax-xellug. Axel Hirschfeld fil-fatt xehed li l-appellant tah "a clap on the cheek".

Issa, l-appellant gie akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali (kontravvenzjoni) u mhux li ghamel offiza ta' natura hafifa (delitt) fuq l-appellant. Jigifieri l-prosekuzzjoni ddelimitat l-akkuza b'mod illi l-Qorti mhijiex tenuta tara jekk Axel Hirschfeld sofriex offiza jew le. Bhalma jikkummenta l-appellant stess, huwa gie akkuzat "bil-*meno possibile*". L-aggravju ta' l-appellant kien jaghmel sens li kieku huwa gie akkuzat kemm bi ksur ta' l-artikolu 221(3) – ikkunsmat jew mhux – kif ukoll bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(d). Ghalhekk f'dan il-kaz il-Qorti trid tara biss jekk l-agir ta' l-appellant jikkostitwixxix hebb fit-termini ta' l-artikolu 339(1)(d) minghajr ma tara jekk tali hebb fil-fatt wassalx ghal xi konsegwenzi.

Mid-dvd esebit huwa evidenti illi l-agir ta' l-appellant, bir-rabja li kellu u li kien qieghed jesprimi fil-konfront ta' Axel Hirschfeld u bil-mod kif resaq lejh tant li kellu jigi mbuttat lura minn Sammy Haschid li kien qieghed jahdem bhala *security*, jaqa' fil-parametri ta' dak li tipprovdi l-imsemmija

disposizzjoni tal-ligi. Kwindi l-aggravju ta' l-appellant huwa michud.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, jirrizulta illi l-appellant instab hati ta' zewg kontravvenzjonijiet u l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' *ammenda* ta' hamsin euro (€50) fuq kull imputazzjoni. L-artikolu 17(f) tal-Kodici Kriminali pero` jipprovdi li **"persuna misjuba hatja ta' aktar minn reat wiehed li ghalih hemm pieni pekunjarji tinghata l-piena tal-multa jew *ammenda* oghla jew ta' l-oghla multa jew *ammenda*, skond il-kaz, b'zieda ta' nofs kull wahda mill-multi jew ammendi l-ohra."** L-ewwel Qorti naqset milli tapplika din id-disposizzjoni u ghalhekk l-*ammenda* komplessiva li ghandu jhallas l-appellant hi ta' €50 + (1/2 x €50) = €75.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' *ammenda* komplessiva ta' mitt euro (€100) u minflok tikkundannah ihallas *ammenda* komplessiva ta' hamsa u sebghin euro (€75), u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------